Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1925**

tas-6 ta' Awwissu 2026

li jibda investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni ta' miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/357 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa (OMF) tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina permezz ta' importazzjonijiet ta' OMF ikkonsenjati mill-Kosovo (*), mill-Moldova, mill-Maċedonja ta' Fuq u mis-Serbja, sew jekk ikunu ddikjarati li joriġinaw mill-Kosovo, mill-Moldova, mill-Maċedonja ta' Fuq u mis-Serbja u sew jekk le, u li jissoġġetta dawn l-importazzjonijiet għar-reġistrazzjoni

(ĠU L 1925, 7.8.2026, p. 1)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 90726, 4.9.2026, p. 1 (2026/1925)

(*) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1925

tas-6 ta' Awwissu 2026

li jibda investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni ta' miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/357 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa (OMF) tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina permezz ta' importazzjonijiet ta' OMF ikkonsenjati mill-Kosovo (*), mill-Moldova, mill-Maċedonja ta' Fuq u mis-Serbja, sew jekk ikunu ddikjarati li joriġinaw mill-Kosovo, mill-Moldova, mill-Maċedonja ta' Fuq u mis-Serbja u sew jekk le, u li jissoġġetta dawn l-importazzjonijiet għar-reġistrazzjoni

Artikolu 1

▼C1

Qed tinbeda investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, b'daqs taċ-ċellula ta' aktar minn 1,8 mm kemm fit-tul kif ukoll fil-wisa' u li jiżnu aktar minn 35 g/m2, eskluż d-diski tal-fibra tal-ħġieġ, li bħalissa huma kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM ex 7019 63 00, ex 7019 64 00, ex 7019 65 00, ex 7019 66 00 u ex 7019 69 90 u kkonsenjati mill-Kosovo, mill-Moldova, mill-Maċedonja ta' Fuq u mis-Serbja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kosovo, mill-Moldova, mill-Maċedonja ta' Fuq u mis-Serbja kif ukoll jekk le, (il-kodiċijiet TARIC 7019 63 00 16, 7019 63 00 17, 7019 63 00 18, 7019 63 00 21, 7019 64 00 16, 7019 64 00 17, 7019 64 00 18, 7019 64 00 21, 7019 65 00 16, 7019 65 00 17, 7019 65 00 22, 7019 65 00 23, 7019 66 00 16, 7019 66 00 17, 7019 66 00 22, 7019 66 00 23, 7019 69 90 16, 7019 69 90 17, 7019 69 90 18, 7019 69 90 21) humiex qed jevitaw il-miżuri imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/357.

▼B

Artikolu 2

1. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, skont l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. Il-partijiet interessati jridu jippreżentaw ruħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Biex ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom jiġu kkunsidrati waqt l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jridu jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju, talbiet għal eżenzjonijiet, jew kwalunkwe informazzjoni oħra fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

(*) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

▼B

3. Il-partijiet interessati jistgħu japplikaw ukoll biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu ta' żmien ta' 37 jum. Għal seduti ta' smigħ li jikkonċernaw il-fażi tal-bidu tal-investigazzjoni t-talba trid titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Kull talba għal smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.